**6 ta' Frar, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Raymond Sciberras

**Ko-akkużat – Proċeduri Pendenti**

*Ir-regola dedotta a contrario senso mill-artikolu 636(b) tal-Kap. 9 tirrendi inammissibli bħala xhud persuna akkużata bl-istess fatt li bih hu akkużat l-appellant u li l-proċeduri kontra tagħha jkunu għadhom pendenti.*

Il-Qorti: –

Rat it-talba ta' l-appellant biex jipproduċi bħala xhud lil Karl Brincat u l-oppożizzjoni ta' l-Avukat Ġenerali għal dik it-talba, irreġistrati fil-verbal ta' l-14 ta' Jannar, 1992;

Trattata din it-talba, ikkunsidrat illi:

1. Mhux kontestat li l-imsemmi Brincat jinsab proċessat in konnessjoni ma' l-istess fatt li bih hu akkużat l-appellant fil-proċediment odjern;

2. Il-proċeduri kontra Brincat għadhom pendenti u għalhekk huwa soġġett għall-kundanna fuq l-akkużi dedotti

kontra tiegħu. B'dan il-mod ix-xiehda ta' Brincat fil-proċediment odjern tista' tkun affetta mit-tendenza naturali tiegħu li jiskolpa ruħu. Dan huwa l-motiv tar-regola dedotta *a contrario senso* mill-artikolu 636(b) tal-Kodiċi Kriminali;

In vista tal-premess tiċħad it-talba.